DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 4/2007

tas-27 ta' April 2007

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standard, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 142/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([2]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nr 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 178/2006/KE ta' l-1 ta' Frar 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Anness I li jelenka il-prodotti ta' l-ikel u ta' l-għalf li għalihom japplikaw il-livelli massimi għall-pestiċidi ([4]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Annessi I u II mal-Ftehim għandhom ikunu emendati kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 39 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 316/2003) fil-Kapitolu II ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"40. **32005 R 0396:** Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p,1), kif emendat bi:

— **32006 R 0178:** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 178/2006 ta' l-1 ta' Frar 2006 (ĠU L 29, tat-2.2.2006, p. 3)."

2. Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 54zzx (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 627/2006) ta' Kapitolu XII ta' l-Anness II mal-Ftehim:

"54zzy. **32005 R 0396:** Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1), kif emendat bi:

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 8.
([2]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 17.
([3]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([4]) ĠU L 29, 2.2.2006, p. 3.

— **32006 R 0178:** Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 178/2006 ta' l-1 ta' Frar 2006 (ĠU L 29, tat-2.2.2006, p. 3)."

3. L-inciż li jsegwi hawn taħt għandu jiġi miżjud fil-punt 12a (Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II dwar il-Ftehim:

"— **32005 R 0396:** Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 396/2005 u 178/2006 bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Supplement taż-ŻEE, tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' April 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.